DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/101

tal-24 ta' Jannar 2022

dwar abbozz ta' Digriet mir-Renju tan-Netherlands dwar il-formula tat-tfal żgħar u l-ħalib għat-tfal żgħar innotifikat f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2022) 313)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2)(b) u 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel jipprovdi, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni Komunitarja, għan-notifika u l-valutazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ġodda li jikkonċernaw *inter alia* l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' ċerti sustanzi oħra fil-manifattura ta' ikel speċifikat.

(2) F'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 12 moqri flimkien mal-Artikolu 11(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, l-awtoritajiet Netherlandiżi, fit-28 ta' Lulju 2020, innotifikaw lill-Kummissjoni b'abbozz ta' digriet li fih regoli dwar ikel ibbażat fuq proteina tal-ħalib tal-baqra jew tal-mogħża, li miegħu ġew miżjuda mill-inqas vitamina, mineral jew sustanza oħra waħda jew aktar, u li huwa maħsub biex jintuża bħala xarba għal tfal żgħar bejn l-etajiet ta' sena u tliet snin (Digriet tal-Att dwar il-Komoditajiet dwar il-formula tat-tfal żgħar u l-ħalib tat-tfal żgħar).

(3) L-Artikolu 1 tal-abbozz ta' digriet jistabbilixxi definizzjoni ta' "formula tat-tfal żgħar" u ta' "ħalib għat-tfal żgħar".

(4) L-Artikoli 3 u 4 tal-abbozz tad-digriet jistabbilixxu rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni ta' "formula tat-tfal żgħar" u "ħalib għat-tfal żgħar", inklużi restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti sustanzi oħra fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006.

(5) B'mod partikolari, l-Artikolu 3 tal-abbozz tad-digriet jipprevedi rekwiżiti minimi ta' kompożizzjoni għall-proteini, il-lipidi u l-karboidrati kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 ([2]).

(6) Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tal-abbozz tad-digriet jipprevedi li fir-rigward ta' ċerti sustanzi oħra, japplikaw ir-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127.

(7) L-awtoritajiet Netherlandiżi jqisu li l-abbozz tal-miżura huwa ġġustifikat abbażi tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. B'mod aktar preċiż, l-awtoritajiet Netherlandiżi jargumentaw li sabiex jiġi żgurat li kwantitajiet sikuri ta' "sustanza oħra" jiġu kkunsmati minn tfal żgħar, il-"ħalib għat-tfal żgħar" u l-"formula tat-tfal żgħar" jenħtieġ jikkonformaw mal-istess rekwiżiti ta' kompożizzjoni għal "sustanza oħra" bħal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni armonizzata għall-formuli tal-prosegwiment.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1).

(8) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li kien jirrikjedi li l-Kummissjoni tanalizza jekk humiex meħtieġa dispożizzjonijiet speċifiċi għax-xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u xarbiet simili maħsuba għat-tfal żgħar, il-Kummissjoni adottat rapport fil-31 ta' Marzu 2016 ([4]). Dan ir-rapport ikkonkluda li ma hemm l-ebda ħtieġa għal dispożizzjonijiet speċifiċi għal din il-kategorija ta' ikel peress li l-applikazzjoni korretta u sħiħa tal-qafas ġenerali tal-liġi dwar l-ikel tal-Unjoni Ewropea tista' tirregola b'mod adegwat il-kompożizzjoni ta' xarbiet ibbażati fuq il-ħalib għat-tfal żgħar u l-komunikazzjoni tal-karatteristiċi tal-prodotti. Tali konklużjonijiet kienu bbażati fuq il-parir xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") maħruġ fl-2013 dwar formuli għat-tfal żgħar ([5]) li fih hija nnotat li dawn il-prodotti ma għandhom "l-ebda rwol uniku" u "ma jistgħux jitqiesu bħala neċessità biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti nutrittivi tat-tfal żgħar" meta mqabbla ma' ikel ieħor li jista' jiġi inkluż fid-dieta normali tagħhom.

(9) Għalhekk, mill-20 ta' Lulju 2016, ix-xarbiet magħmulin mill-ħalib maħsuba għat-tfal żgħar jitqiesu bħala ikel normali u għalhekk huma koperti esklussivament mir-regoli orizzontali tal-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar l-ikel.

(10) Fil-każ fejn Stat Membru joħloq ostaklu għall-kummerċ dan jenħtieġ jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 34 u 36 tat-Trattat u xieraq u proporzjonat għall-għan ġustifikabbli li għandu jintlaħaq. Dwar il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżura ma għandiex tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex effettivament jiġi protett l-għan ġustifikabbli.

(11) L-awtoritajiet Netherlandiżi ma jipprovdu l-ebda evidenza xjentifika b'appoġġ għall-argument tagħhom li għandhom jiġu promulgati regoli addizzjonali fil-livell nazzjonali u jonqsu milli juru u jissostanzjaw kwalunkwe riskju għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta jekk "formula tat-tfal żgħar" u "ħalib għat-tfal żgħar" ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti ta' kompożizzjoni. Minflok, huma jispjegaw li l-Kunsill tas-Saħħa tan-Netherlands bħalissa qed iwettaq riċerka dwar l-istandards djetetiċi u riċerka dwar id-dieta tat-tfal bejn it-twelid u l-età ta' sentejn, u li abbażi ta' dawn ir-riżultati u l-pariri, jista' jiġi kkunsidrat l-adattament tal-abbozz tad-digriet.

(12) Barra minn hekk, l-awtoritajiet Netherlandiżi ma pprovdewx evidenza xjentifika li tqajjem dubji dwar il-parir xjentifiku pprovdut mill-Awtorità fl-2013 ([6]) u li fuqu l-Kummissjoni bbażat il-konklużjonijiet tagħha fir-rapport tagħha adottat fl-2016. Il-konklużjonijiet tar-Rapport tal-Kummissjoni tal-2016 dwar xarbiet ibbażati fuq il-ħalib u prodotti simili maħsuba għat-tfal żgħar sabu li ma hemm l-ebda ħtieġa għal dispożizzjonijiet speċifiċi dwar rekwiżiti ta' kompożizzjoni bħal dawk fl-abbozz notifikat għall-ikel ikkunsmat minn tfal żgħar.

(13) Għalhekk, l-awtoritajiet Netherlandiżi jonqsu milli jipprovdu xi ġustifikazzjoni xjentifika li tissostanzja l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni fir-rigward ta' "sustanzi oħra" għall-prodotti kummerċjalizzati bħala "formula tat-tfal żgħar" u "ħalib għat-tfal żgħar".

(14) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, fil-5 ta' Ottubru 2020 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

(15) Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, fis-27 ta' Jannar 2021 il-Kummissjoni tat opinjoni negattiva skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 dwar l-abbozz innotifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 3 u 4 tiegħu, u għandha tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(3) ta' dak ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

([4]) Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-formuli tat-tfal żgħar (COM/2016/0169 final).

([5]) EFSA Panel on Dietetic Products, Nutrition and Allergies, 2013, Scientific Opinion on nutrient requirements and dietary intakes of infants and young children in the European Union, *EFSA Journal* 2013; 11 (10): 3408.

([6]) Ibid.

(16) L-awtoritajiet Netherlandiżi jeħtieġu għalhekk jintalbu biex ma jadottawx l-Artikoli 3 u 4 tal-abbozz tad-digriet inkwistjoni peress li abbażi tal-osservazzjonijiet ta' hawn fuq huma naqsu milli jipprovdu l-ġustifikazzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tagħhom u dawk l-Artikoli kienu soġġetti għal opinjoni negattiva tal-Kummissjoni mis-27 ta' Jannar 2021.

(17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Abbażi tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-opinjoni negattiva tagħha u ta' din id-Deċiżjoni, ir-Renju tan-Netherlands ma għandux jadotta l-Artikoli 3 u 4 tal-abbozz tad-Digriet tal-Att dwar il-Prodotti Bażiċi dwar il-formula tat-tfal żgħar u l-ħalib għat-tfal żgħar, li huwa nnotifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006, u li kien soġġett għal opinjoni negattiva tal-Kummissjoni nnotifikata lill-awtoritajiet Netherlandiżi fis-27 ta' Jannar 2021.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Netherlands.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2022.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni